

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 99/2016****tad-29 ta' April 2016****li temenda l-Anness XVI (Akkwist) tal-Ftehim ŻEE [2017/2049]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jirrevoka r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 842/2011 <sup>(1)</sup> irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 iħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 842/2011 <sup>(2)</sup> li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 6f (id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"6g. **32015 R 1986:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jirrevoka r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 842/2011 (ĠU L 296, 12.11.2015, p. 1)."

2. It-test tal-punt 6d (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 842/2011) jitħassar.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-30 ta' April 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 97/2016 tad-29 ta' April 2016 <sup>(3)</sup>, skont liema data tkun l-iżjed tard.

<sup>(1)</sup> ĠU L 296, 12.11.2015, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 222, 27.8.2011, p. 1.

(\*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

<sup>(3)</sup> Ara l-paġna 49 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*  
Claude MAERTEN

---